**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Carl Ciantar**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 24 ta' Gunju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carl Ciantar detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 421789 (M) billi inti akkuzat talli nhar l-1 ta'Mejju 2019, ghall-habta ta' 04:25 hrs gewwa Triq Hal-Tarxien , Paola:

1. Bhala persuna ikkundannata f'Malta ghal serq, jew ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti ohra, li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu kif ukoll instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta

kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr C. Galea LL.D fid-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru 2017 li bih tat il-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-Qorti Kriminali (Malta) Mhallef Dr E. Grima LLD fid-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2017li bih tat il-helsien mill-arrest. Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr D Frendo Dimech LLD fid-digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2018 li bih tat il-helsien mill-arrest Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr A.M. Trigona LLD fid-digriet taghha tad-19 ta' Frar 2018 li bih tat il-helsien mill-arrest Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tirrevoka s-somma msemmija fl-obligazzjoni tal-garanziji liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Carl Ciantar u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat fejn b' diversi digrieti hawn fuq imsemmija, kien inghata l-helsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjes li jkollom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

Rat illi l-imputat ghazel li jixhed u li d-difiza ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Semghet sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2019 fejn din il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Stante li ix-xhieda jinsabu kollha traskritti l-Qorti mhix se tirriproducihom f'din is-sentenza.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz kellu l-bidu tieghu fl-1 ta' Mejju 2019 fejn kmieni filghodu ghall-habta tal-4.25 am gewwa Triq Hal Tarxien f'Rahal Gdid intlemah persuna quddiem hanut u l-pulizija gihom suspett mill-mod li kien liebes u minn basket li kellu fuqu. Fil-basket kellu virka tal-hadid twila, plyer u par kalzetti. Dak il-hin l-imputat suppost kien id-dar minhabba kundizzjonijiet marbuta mal-liberta provizorja li nghata f'erba' kazijiet. Huwa kien qalilhom li kien qieghed jaqta' nifsu u ghalhekk kien sejjer ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid biex jaghtuh l-ossignu. L-imputat kien instab hati ta' serq b'sentenzi moghtija mill-Magistrat Antonio Mizzi fit-13 ta' Mejju 2008 (DOK SZX1) u mill-Magistrat Saviour Demicoli fis-27 ta' Mejju 2013 (DOK SZX2).

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI LEGALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala un avviso a comparire, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel

---

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche,* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda 'l oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment

konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

L-imputat jinsab mixli li kiser l-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) li jghid:

> **287.** *Kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak*

*iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri moghtija mill-Imhallef Vincent Degaetano nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju 1994 fl_ismijiet **Il-Pulizija (Spetturi Gaetano Walker u Joe Valletta) vs Amadeo Brincat u Martin Cachia**[2] fejn intqal

*3. Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija v Gunner Joseph Degiorgio** tal-15 ta' Frar, 1944 (Vol.XXXII.IV.683), l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali (allura l-Artikolu 288) jikkontempla zewg ipotesijiet differenti u juza espressjonijiet differenti ghar-rigward taghhom. L-ewwel ipotesi hi ta' min, wara li jkun gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet ecc., li ma jkunux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu; it-tieni ipotesi tirrikjedi similment li persuna tkun giet ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, pero f'dan il-kaz ikunu insabu ghandha imfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi ecc. minghajr ma taghti kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandha f'dak iz-zmien. Dik il-Qorti, fis-sentenza msemmija, kienet irriteniet li kwantu ghall-ewwel ipotesi (li mhix l-ipotesi applikabbli ghall-appellanti odjerni) kwalsiasi forma ta' pussess kien sufficjenti, fis-sens li bizzejjed li dawk il-frottijiet,*

[2] Appell Nru.: 126/94

*xtieli, flus ecc. ikunu, per ezempju, instabu fil-pussess tal-imputat f'daru mentri huwa jkun gie arrestat mili l-boghod mid-dar tieghu; mentri fil-kaz tat-tieni ipotesi hu rikjest il-pusess materjali, u dan a bazi tat-test originali Taljan li, dwar din l-ipotesi, kien juza l-frazi "colto in possesso" a differenza tal-frazi "e' trovato in possesso" li kienet uzata a rigward tal-ewwel ipotesi. Differenza ohra bejn iz-zewg ipotesijiet tirrigwarda dak li tieghu l-imputat ma jkunx ta' kont sodisfacenti. Fl-ewwel ipotesi hu ma jkunx ta' kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu dawk l-oggetti, mentri fit-tieni ipotesi l-imputat ma jkunx ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu dawk l-oggetti jkunu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien.*

Il-Qorti se tara jekk dak li jinghad aktar 'il jezistux ir-rekwiziti necessarji biex tinstab htija.

Dwar l-ewwel rekwizit ghad-delitt in kwistjoni, u cioe' li l-persuna tkun giet precedentement misjuba hatja ta' serq jew ta' ricettazzjoni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Dwar it-tieni element, u cioe' dwar jekk l-imputat instabux ghandu certi oggetti, cioe', kif gie spjegat, kienx fil-pussess materjali ta' dawn l-oggetti, l-imputat spjega li l-oggetti li nstabu inkluz it-tnalja kienu juzhom missieru u hu minhabba d-delizju li ghandhom tat-tlielaq tal-karozzi u l-virga twila misjuba fuqu kienet biex jiddefendi ruhu f'kaz li jerga' javvicinah barrani li beza li se joqtlu wara incident li kellu mieghu ftit jiem qabel, liema incident ma kienx irrapurtat lill-pulizija biex l-imputat jinghata l-protezzjoni necessarja.

Il-Qorti trid tikunsidra jekk l-imputat tax kont sodisfacjenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu dawk l-oggetti.

L-ispjegazzjoni li ta l-imputat li kien barra dak il-hin ghaliex tah attack tal-asthma u ried imur ic-Centru tas-Sahha ghall-Ossignu filfatt veru mar hemm wara li rawh il-pulizija bil-basket li kien fih il-virga, tnalja u oggetti ohra, u li waqaf quddiem il-hanut jara l-prezzijiet tal-hwejjeg ghax qariba tieghu li giet minn barra kienet se tixtrielu zgur li mhix spjegazzjoni li din il-Qorti se taccetta ghaliex kellu dawk l-oggetti fis-sattra tal-lejl.

Din il-Qorti kienet attenta hafna meta l-imputat ghazel li jixhed u jaghti l-ispjegazzjoni tieghu.

Il-Qorti xorta tara li din mhix spjegazzjoni sodisfacenti ghala kellu fuqu dawk l-oggetti fuqu dak il-hin meta suppost kien sejjer ic-Centru tas-Sahha.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll li l-imputat kien instab hati ta' serq b'sentenzi moghtija mill-Magistrat Antonio Mizzi fit-13 ta' Mejju 2008 (DOK SZX1) u mill-Magistrat Saviour Demicoli fis-27 ta' Mejju 2013 (DOK SZX2).

Ghalhekk din il-Qorti ser issib htija kwantu jirrigwarda l-akkuza taht l-Artikolu 287 tal-Kap. 9.

**DECIDE:**

Il-Qorti wara li rat Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah tliet (3) xhur prigunerija.

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex inghata l-helsien mill-arrest, rrizultat sodisfacentament pruvata fi tliet kazijiet fid-29 ta' Ottubru 2017 mill-Magistrat Charmaine Galea, fit-3 ta' Novembru 2017 mill-Imhallef Edwina Grima u fil-25 ta' Lulju 2018 mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech, ghaliex f'kaz iehor il-kopja tal-kundizzjonijiet li produciet il-Prosekuzzjoni dik moghtija mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona fid-19 ta' Frar 2014. mhix ta' kwalita' tajba li tista' tinqara minn din il-Qorti.

Illi l-fatt li l-imputat **kiser ordnijiet varji moghtija mill-Qorti**, **huma fatti serji hafna u ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn persuni li l-ordnijiet li jinghataw mill-Qorti flok isegwuhom u jimxu b'mod strett maghhom hemm min jistma id-dokumenti tal-Qorti bhal karta li tintuza biex jgezwru z-zokkor jew l-iskalora.**

Il-Qorti wara li rat 579(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-**Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon**[3] deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, *"illi la darba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat … din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux*

[3] Appell Nru. 137/08

*biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f' dan il-kaz"* filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fid-29 ta' Ottubru 2017 mill-Magistrat Charmaine Galea, fit-3 ta' Novembru 2017 mill-Imhallef Edwina Grima u fil-25 ta' Lulju 2018 mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech, tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

Il-Qorti qiegħda tordna li d-depozitu u garanziji f'dawn it-tliet kazijiet li jammontaw ghal total ta' erbatax (14)-il elf ewro (€14,000) jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**